MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 310/1993/1

Joseph Bugeja
Vs
Noel Debattista u Nazzareno Vassallo bhala diretturi u ghan-nom u in rappreżentanza ta' Property Maintenance Limited u b' digriet tas-26 ta' Lulju 2005, il-Qorti ordnat li l-isem tas-socjeta' konvenuta jinbidel ghal-Vassallo Builders Limited.

Illum;
Kawza nru;

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fit-12 ta' Marzu, 1993, li in forza taghha, wara li ppremetta: -

Illi Charles Tonna kien obbliga ruhu b' kuntratt ta' appalt permezz ta' skrittura tal-29 ta' Settembru 1989 obbliga ruhu biex jezegwixxi xogholijiet ta' kostruzzjoni u jipprovdi

materjal u equipment fuq inkarigu tal-attur fil-fond bla numru u bla isem, kostruit fuq plot numru 278, Santa Maria Estate, Mellieha; u

Illi permezz ta' ittra tat-22 ta' Novembru, 1989 tal-konvenuti nomine, is-socjeta' konvenuta assumiet ir-responsabbilta' biex tkompli l-kuntratt u xogholijiet kollha peress illi infurmaw lill-attur li Charles Tonna is-sieheb fis-socjeta' kollha; u

Illi b' kuntratt ta' appalt iehor permezz ta' skrittura privata tal-15 ta' Mejju 1990 is-socjeta' konvenuta obbligat ruha tezegwixxi xogholijiet ohra ta' kostruzzjoni u tforni materjal u equipment fuq inkarigu tal-attur fil-fond bla numru u bla isem, kostruit fuq plot 278, Santa Maria Estate, Mellieha, u li tlesti ix-xogholijiet sal-1 ta' Jannar 1991; u

Illi nonostante diversi talbiet biex is-socjeta' konvenuta tlesti ix-xogholijiet kollha, is-socjeta' konvenuta baqat inadempjenti u ma lestitx ix-xoghol; u

Illi bhala rizultat ta' dewmien ezagerat u in-nuqqas ta' xoghol da parti tal-konvenut biex ilestu ix-xogholijiet kollha ghal-perjodu twil, l-attur gie kostrett li iqabbad kuntratturi ohra biex ikomplu u ilestu ix-xogholijiet kollha mill-aktar fis possibbli minflok il-konvenuti; u

Illi bl-agir tal-konvenuti gew ikkagunati danni lill-atturi kemm minhabba differenza fil-prezz biex jitlestew ix-xogholijiet u biex jigi fornit bil-materjal u equipment kollu necessarju; u

Illi l-attur kien diga' obbliga ruhu li jikri l-fond lil-terzi b' effett mid-data meta ix-xoghol kellu ikun komplut u bhala rizultat tad-dewmien ezagerat da parti tal-konvenuti gew ikkagunati danni ohra lill-attur bhala 'loss of earnings'.

Talab ghalhekk lill-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m' ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut nomine abbandunaw il-kuntratt fuq imsemmi ta’ appalt fuq plot Numru 278 Santa Maria Estate, Mellieha naqsu mill-obbligi taghhom.
2. Tiddikjara il-konvenuti nomine responsabbli ghad-danni kollha ikkagunati lill-attur minhabba l-agir u nuqqasijiet taghhom u partikolarment minhabba id-dewmien esagerat.
3. Tikkundanna lil-konvenuti ihallsu lill-atturi id-danni kollha ikkagunati minnhom.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kolhla relattivi kontra il-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-sojceta’ konvenuta li in forza taghha eccepiet: -

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur stante li l-eccipjenti nomine sabu ruhhom fl-impossibilita' li jkomplu u jikkompletaw ix-xogholijiet in kwistjioni ghal ragunijiet b' ebda mod imputabbli lilhom, u dan kif jigi ampjament provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat li din il-kawza imxiet kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet inversi, citazzjoni numru 166/93, u li l-provi li tressqu fil-kawza l-ohra kellhom jitqiesu li tressqu wkoll f’ din il-kawza;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsitrat;

Illi kif inghad din il-kawza sewgiet dik fl-ismijiet inversi bejn l-istess partijiet, liema kawza ggib in-numru 166/93 u giet

decisa illum stess min din il-Qorti. Il-provi tal-partijiet tressqu fil-kawza l-ohra u r-rapport tal-periti gudizzjari gie wkoll sottomess fil-kawza l-ohra. Il-kwistjonijiet ta' bejn il-partijiet, kemm li kienu l-meritu ta' din il-kawza, kif ukoll li kienu l-meritu tal-kawza l-ohra, gew trattati u decisi minn din il-Qorti fil-kawza l-ohra. Kwindi biex jigi evitat ripetizzjoni ta' trattament il-Qorti, f'din il-kawza, tirreferi ghal-argumentazzjoni taghha kif esposta fil-kawza l-ohra li ghandhom jghoddu u japlikaw anke ghal din il-kawza.

Ghal fini ta' din il-kawza jirrizulta li fil-fatt is-socjeta' konvenuta abbandunat l-appalt moghti lilha minghajr ragunijiet validi fil-ligi, u ghandha, ghalhekk thallas id-danni lill-atturi li gew likwidati fis-somma globali ta' LM 2,138.50.

Ghalhdaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attur kif dedotti u ghal fini tat-tielet talba, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' LM 2,138.50 (elfejn, mija u tmienja u tletin lira u hamsin centezmu) in linea ta' danni, bl-imghax legali millum sal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta' din il-kawza jithallsu kollha mis-sojeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------